**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 87/2015**

**Highway Auto Company Ltd**

**vs**

**Marco Vella**

**Illum 16 ta' Novembru, 2015**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid hekk;

1. Illi s-socjeta' attrici tikri l-fond 379 Triq Fleur de Lys, Birkirkara bil-kera ta' €220 oltre VAT fix-xahar liema fond kien qed jintuza bhala ufficcju.

2. Illi l-intimat ilu ma jhallas kera ghall-imsemmi fond minn Jannar 2015 minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas l-intimati baqaw inadempjenti.

3. Illi barra minn hekk, ghandu jhallas ukoll l-arretrati tad-dawl u ilma li mit-3 ta' Jannar 2015 stante illi qabel it-3 ta' Jannar

2015, l-arretrati tad-dawl u ilma kienu jammontaw ghal €757.76c.

4. Illi b'ittra ufficjali tat-8 t'April 2015 ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimat gie interpellat u kkundannat biex ihallas is-somma ta' €1,637.76c galadarba huwa ma rrispondix entro t-terminu ta' tletin gurnata minn tali notifika u dan skond dokument HAC 2 hawn anness.

5. Illi konsegwentement ghal dan, inhareg mandat ta' sekwestru esekuttiv nru 1924/15 fl-ismijiet 'Highway Auto Company Limited vs Marco Vella' pero' sallum ebda depositu ma sar fir-registru ta' din il-Qorti.

6. Illi l-intimat huwa moruz ukoll fil-hlas ta' hames xhur kera mill-1 ta' Mejju 2015 sat-30 ta' Settembru 2015 ammontanti ghal €1,100 oltre VAT u oltre l-imghax legali kif ukoll kontijiet ohra pendenti kif ukoll kontijiet €137.79c skond dokument hawn annessi u mmarkati bhala dokument HAC3 sa HAC5.

7. Illi salv kull pretensjoni ghall-arretrati ghall-hlas ta' kera r-rikorrenti tezigi illi l-kirja tigi itterminata u dan stante illi r-rikorrent ilu ghal dawn ix-xhur kollha ma jhallas id-dritt ta' renumerazzjoni ghall-kirja spettanti lilu waqt li l-intimat ghadu qed igawdi l-fond taghhom u l-anqas ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma.

8. Illi l-fond inkwistjoni ghandu jigi zgumbrat ukoll stante li ilu vakat u abbandunat mill-intimati ghal diversi xhur u ghaldaqstant tali non uzo sarraf fil-bdil tad-destinazzjoni ta' l-istess fond.

9. Illi fic-cirkostanzi tal-kaz jikkonkorru l-elementi stipulati mill-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan ir-rikors jigi deciz bid-dispensa tas-smigh billi l-konvenut m'ghandu ebda eccezzjoni valida fil-ligi xi jressaq kontra t-talba tar-rikorrenti.

10. Illi r-rikorrenti jafu personalment il-fatti ghal dak li jirrigwarda dak kollu premess. Dwar dan jistriehu wkoll fuq ix-xhieda ta' dawk il-persuni kollha indikati fil-lista tax-xhieda annessa ma' dan ir-rikors.

11. Illi r-rikorrent sa fejn jaf hu, l-intimat m'ghandux difiza x'jaghti kontra t-talba ta' l-istess rikorrent.

Ghaldaqstant, l-esponenti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensati mis-smigh tal-kawza odjerna bil-proceduri sommarji specjali kif stabbiliti mill-Ligi a tenur ta' l-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta, titlob lil dan l-Onorabbli Bord biex jordna lill-intimati biex jidhru quddiem il-Bord fil-gurnata u hin kif stabbilit mill-istess Bord u f'kaz li l-intimati ikun kontumaci f'dik is-seduta, jew inkella jekk huma jonqsu milli juri f'dik is-seduta li jkollhom difiza li tiswa' u li tista' taghmel sabiex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti, l-imsemmi Bord li Jirregola l-Kera ghandu:

1. Tghaddi ghas-sentenza dwar il-vertenza odjerna sommarjament u dan ai fini ta' l-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna l-izgumbrament mill-fond 379 Triq Fleur de Lys, Birkirkara, u dan stante illi l-istess intimat ilu ma jhallas arretrati tal-kera ghal dawn l-ahhar disa' xhur minkejja li gie interpellat diversi drabi biex jaghmel dan sia bil-fomm u bil-miktub.

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas is-somma ta’ €1,237.79c rapprezentanti €1,110 arretrati tal-kera mill-1 ta’ Mejju 2015 sat-30 ta’ Settembru 2015, liema somma hija certa, likwida u dovuta u dan stante illi ghall-arretrati mill-1 ta’ Jannar 2015 sat-30 ta’ April 2015 gja hemm kudnanna mill-Qorti tal-Magistrati u l-kontijiet tad-dawl u ilma pendenti ammontanti ghal €137.79c.

4. Tiddikjara li l-intimat huwa responsabbli biex ihallas dawk id-danni bhala kumpens sad-data tac-cediment tal-fond li m’ghandux ikun inqas minn €220 fix-xahar sa tali zgumbrament oltre l-ispejjez tal-kontijiet tad-dawl u ilma sac-cediment tal-fond.

5. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas dawk id-danni ghal xi kumpens sad-data tac-cediment tal-fond li m’ghandhomx ikun inqas minn €220 fix-xahar mill-1 ta’ Ottubru 2015 oltre l-ispejjez tal-kontijiet tad-dawl u ilma sac-cediment tal-fond.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimat ghas-subizzjoni.

Ra li l-intimat kien debitament notifikat bir-rikors promotur u bid-digriet tas-17 ta’ Settembru 2015 fit-28 ta’ Settembru 2015;

Ra li l-imsemmi rikors ghandu r-rekwiziti mehtiega mil-ligi sabiex il-kawza tinstema’ bid-dispensa tas-smiegh;

Ra li l-intimat kien debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh fl-21 ta’ Ottubru 2015 ghas-seduta tat-22 t’Ottubru 2015;

Ra illi stante li tali notifika kienet ghada mhix inserita fil-process fis-seduta tat-22 t’Ottubru 2015, il-Bord f’dik is-seduta rega’ halla l-kawza ghan-notifika tal-intimat ghas-16 ta’ Novembru 2015;

Ra illi minkejja li kien notifikat l-intimat naqas li jidher quddiem il-Bord kemm fis-seduta tat-22 ta’ Ottubru 2015, kif ukoll fis-seduta tas-16 ta’ Novembru 2015;

Sema’ lid-direttur tas-socjeta rikorrenti Highway Auto Company Limited, Costantino Borg, fis-seduta tas-16 ta’ Novembru 2015, jikkonferma illi minn mindu giet prezentata l-kawza l-intimat ma ghamel l-ebda hlasijiet u minn dakinhar ‘l hawn ma nbidlu l-ebda fatti fil-kawza;

Iddecieda:

Il-Bord filwaqt li qed jipprocedi bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-Artikolu 16A (1) (b) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed jilqa’ l-istess talbiet rikorrenti kif dedotti fir-rikors odjern u ai fini tat-tieni talba jipprefiggi terminu perentorju ta’ zmien xahar mil-lum ghall-izgumbrament tal-intimat mill-imsemmi fond; bl-ispejjez kontra l-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur